**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 682/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jean Paul Attard)**

**Vs**

**Francesco Farrugia**

**Illum 22 ta' Frar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Francesco Farrugia**, iben George u Sharon neè Farrugia, imwieled il-Pietà fit-18 ta' Mejju 2002, residenti ġewwa Nru. 104A, St. George, Triq San Ġwakkin, Qrendi, u detentur tal-Karta ta' l-Identità Maltija bin-Numru 180602L, talli f'dawn il-Gżejjer fit-22 ta' Ottubru 2021, għall-ħabta ta' 17:20hrs:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, bil-ħsieb li jikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS430 Andrew St. John, permezz ta' arma rregolari, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u sar fuq il-persuna ta' uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu;

2. Inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' xi ħadd inkarigat skond il-Liġi minn servizz pubbliku u cioè fuq PS430 Andrew St. John waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien qiegħed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti;

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur ta' l-għamla Renault Megane bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBX-463 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż;

5. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur b'veloċità eċċessiva;

6. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

7. Ma obdiex ordnijiet leġittimi ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u ma ħalliehx u fixxklu waqt li qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża, cioè PS430 Andrew St. John jew għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jew għall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Francesco Farrugia ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex il-Qorti: (ii) f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurtà tal-persuna offiża ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "JPA1" sa' Dok. "JPA5" a fol. 8 sa' 16 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Jean Paul Attard mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2021[2] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "JPA6" u Dok. "JPA7" a fol. 39 tal-proċess u Dok. "JPA8" a fol. 45 sa' 49 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS430 Andrew St. John mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' Novembru 2021[3] u tad-29 ta' Settembru 2022[4], rat illi waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2021 Andrew Junior Bugeja[5] ddikjara li mhux se jixhed sabiex ma jinkriminax ruħu, semgħet ix-xhieda ta' PS2189 Amy Mawdsley mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2022[6] u x-xhieda ta' Dr. Christopher Spiteri[7], in rappreżentanza ta' Transport Malta, u x-xhieda ta' Sharon Farrugia[8], entrambe mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2021 u rat id-dokument esebit minn Dr. Christopher Spiteri markat Dok. "CS" a fol. 60 sa' 62 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Sharon Farrugia markati Dok. "SF" a fol. 65 u 66 tal-proċess, u semgħet ix-xhieda ta' Dr. Herman Mula mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2022[9];

Semgħet it-trattazzjoni orali da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli f'dawn il-Gżejjer fit-22 ta' Ottubru 2021, għall-ħabta ta' 17:20hrs: (1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar,

[1] Fol. 33 tal-proċess.
[2] Fol. 34 sa' 38 tal-proċess.
[3] Fol. 40 sa' 43 tal-proċess.
[4] Fol. 74 sa' 76 tal-proċess.
[5] Fol. 50 tal-proċess.
[6] Fol. 54 tal-proċess.
[7] Fol. 59 tal-proċess.
[8] Fol. 63 u 64 tal-proċess.
[9] Fol. 78 sa' 81 tal-proċess.

bil-ħsieb li jikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS430 Andrew St. John, permezz ta' arma rregolari, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħu u sar fuq il-persuna ta' uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu; (2) inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' xi ħadd inkarigat skond il-Liġi minn servizz pubbliku u cioè fuq PS430 Andrew St. John waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien qiegħed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; (3) attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti; (4) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur ta' l-għamla Renault Megane bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBX-463 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż; (5) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur b'veloċità eċċessiva; (6) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku; (7) ma obdiex ordnijiet leġittimi ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u ma ħalliehx u fixxklu waqt li qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

**Provi:**

**PS430 Andrew St. John**[10], id-dirett interessat f'dawn il-proċeduri, xehed illi nhar it-22 ta' Ottubru 2021 għall-ħabta tal-5:20p.m. huwa kien dettaljat bħala *fixed point* ma' l-Ambaxxata Russa fi Triq Antonio Schembri, limiti ta' San Ġwann. Waqt li kien qiegħed fis-*sentry box* fl-imsemmija triq sema' ħoss ta' irrejżjar ta' karozza ġej mill-bogħod. Iddikjara li *l-ħoss bdejt nisimgħu ġej min-naħa tax-xellug u hekk kif dort fuq in-naħa tax-xellug u nħares, stajt ninnota karozza skura tavviċina lejn in-naħa fejn kont qiegħed jiena. Hekk kif din il-karozza ġiet viċin, kont għadni ma nnotajtx in-numru, din il-karozza rwiet u ħadet turn to the left hand side ma' l-ambaxxata Russa stess, stajt nara li kienet Renault Megane ta' kulur skur minn dawn illi hija cabrio convertible u hekk kif dan dar at a hard left hand side mal-kantuniera ta' l-ambaxxata, dan tilef il-kontroll tal-vettura. Tilef il-kontroll tal-vettura b'mod u manjiera illi l-karozza telqitlu minn wara. Hekk kif kont qiegħed se noħroġ mill-kabina, dan reġa' daħħal il-gear, smajtu jżarżar il-gear u reġa' telaq 'l fuq. Fl-istess ħin bdejt ninnota illi eżatt wara li rewa hu, telgħet karozza oħra li kienet Toyota silver illi kienet ta' l-għamla estate u ma kinitx bil-bagoll u stajt nara li kienet bil-"Y" ukoll. Iż-żewġ karozzi baqgħu teħlgħin il-fuq. Sadanittant bdejt inħares minn distanza fejn qed imorru u stajt ninnota illi daru, hemmhekk, il-quddiem fejn għandna s-sentry box tagħna hemm qisu public garden żgħir jiġi qisu pjazza fih innifsu għax it-toroq iduru madwaru. Jiena stajt nara illi dawn feġġew lejn in-naħa tal-lemin jiġifieri daru wara dan il-public garden jew ara inti x'inhu. Bażikament, ftit tas-sekondi wara, stajt nerġa' ninduna għaliex smajt l-irrajżjar erġajt, imma din id-darba min-naħa, jekk mhux sejjer żball mela, meta kienu telgħu min-naħa ta' l-ambaxxata fejn wieħed tilef il-kontroll, jekk mhux sejjer żball Triq iċ-Ċifa jisimha, meta ħarist lejn in-naħa tal-lemin reġa' beda ġej l-irrejżjar jiġifieri d-dawra tal-ġnien, dik Triq il-Pittiross, l-istess stajt ninnota l-karozza s-sewda r-Renault reġgħet nieżla u ġejja wiċċha lejja. Hekk kif rajtu se jaqbad il-kantuniera, jiena ħriġt malajr mill-kabina meta l-karozza kienet għadha mhux quddiem is-sentry box tiegħi,*

[10] Xhieda mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' Novembru 2021, fol. 40 sa' 43 tal-proċess, u tad-29 ta' Settembru 2022, fol. 74 sa' 76 tal-proċess.

*dan innota illi seta' jarani ċar għax jien kont bl-uniformi ċara, lanqas ma kont bl-iskur, jiena kont bil-qmis u stajt nidher ċar illi jiena pulizija, tajjeb ngħid illi jien bit-tieqa miftuħa anke ma' l-ewwel darba li dan tilef il-kontroll għax ftit distanti minni kien, bdejt ngħajjat sabiex dan jieqaf però ma lħaqtx ħriġt għax dan mill-ewwel kien daħħal il-gear kif diga spjegajt. Hekk kif kont f'nofs tat-triq u dan għadu ma waslax ħdejja jiġifieri kien hemm daqsxejn distanza bejnietna, dan seta' jara ċar illi kont pulizija miljun fil-mija jiġifieri għax jien bl-uniformi ċara kont u la kelli xi ġakketta pajżana fuqi, litteralment bl-uniformi tal-pulizija kont qiegħed u bdejt ngħajjat u nagħmillu s-sinjal sabiex jieqaf. Dan litteralment injorani, saq eżatt għal fuqi fejn jien li kieku ma warrabtx, kieku kien jeħodli saqajja. Indunajt li reġa' rewa lejn Triq iċ-Ċifa u sadanittant kienet qed tavviċinani l-karozza silver ukoll. Jien tlaqt niġri għal wara l-ewwel karozza, jiġifieri kif qabiżni tal-karozza s-sewda jien tlaqt niġri u lħaqt, sakemm dan qed jirwi, ġejt maġenb il-bieba tiegħu u bdejt ngħajjattlu sabiex jieqaf. Ma nafx jekk anke tajtux xi daqqa fuq il-ħġieġa tal-karozza, stajt ninnota lix-xufier li rajt li kien ġuvni għadu żgħir li llum il-ġurnata qed ngħarfu hawnhekk ġewwa l-awla u dan reġa' tela' il-fuq. Sadanittant il-karozza silver naqqas u bdejt ngħajjattlu "Ħudli in-number, ħudli n-number". L-istess persuna illi kien fil-karozza l-oħra jiena stajt ngħarfu għax nafu bħala ex-kollega tiegħi, jiġifieri kien fil-korp tal-Pulizija. Dan kellu il-karozza qiegħda bil-"Y" u telaq jiġri għal warajh. Ftit tal-ħin wara reġgħet feġġgħet il-karozza s-silver, jekk mhux sejjer żball Andrew Junior Bugeja jismu dak tat-taxi l-ex-Pulizija, … aħna dejjem nafuh bħala Andy u bażikament, Andy waqaf ħdejja, tani n-number tal-vettura għaliex jiena biċċa żgħira min-number kont ilħaqt rajt tul din il-viċenda, fejn għidtlu li se nieħu l-passi neċessarji. Ftit tal-ħin wara jiena, proprju fis-05:45p.m., kif inhi l-proċedura, ġejt mibdul mill-kollega tiegħi illi jieħu over il-post fejn qiegħed jiena u minn hemmhekk inżilt l-għassa tal-Pulizija. … meta tellajt il-particulars ta' l-owner, kienet il-mamà tas-sinjur għax irreġistrata fuqha. Rajt illi contact number m'hemmx u rajt in-next of kin illi huwa r-raġel tagħha. Ikkuntattjajt il-papà tas-sinjur fejn qalli "Isma', dik it-tifel qiegħed biha" u qalli "ħalli f'idejja ħalli ngħajjattlu l-għassa". Minn hemmhekk imbagħad baqgħu jinvestigaw in-nies ta' l-għassa għax peress illi kont involut ħadet over is-Surġenta ta' l-għassa.*

In kontro-eżami PS430 Andrew St. John stqarr illi l-vetturi in kwistjoni, ossia r-Renault Megane skura u t-Toyota Silver, kienu qed jidhru jsuqu wara xulxin, iżda stqarr li filwaqt li r-Renault tilfet il-kontroll waqt is-sewqan, it-Toyota *daret normali, daret a sharp corner ukoll però mhux b'mod illi tilfet il-kontroll jew xi ħaġa jiġifieri.* Stqarr ukoll li għalkemm dakinhar huwa kien *fixed point* ma' l-Ambaxxata Russa, huwa xorta fid-dover li jaqdi d-doveri tiegħu bħala Pulizija. Fir-rigward iddikjara *għaliex ksur tal-liġi trid tagħmel xogħlok. Jiena Surġent tad-distrett, Surġent tas-CID kont ukoll u jiena kull breach tal-liġi li jkun hemm fl-area at my reach, nieħu azzjoni.* Stqarr ulterjorment illi *l-kelma fixed point titqarraq għax l-ewwel ħaġa mhijiex fixed xejn hemmhekk, hemmhekk għandna area miżerjament daqs 14-il plot jiġifieri, ovvjament, biex tilħaq min-naħa għall-oħra trid timraħ jiġifieri trid timxi, dan m'aħniex aħna kkatinati mal-kaxxa u ma niċċaqalqux u ovvjament, any breach, jgħajtulna n-neighbours fuq breaches li jkun hemm fuq il-bankina u affarijiet, ikun hemm it-tfal ta' l-iskola hemmhekk, ġenituri, karozzi, affarijiet li jmorru kontra l-liġi tat-traffiku allura kien hemm nies li kienu se jattakkaw għal fuq l-ambaxxata.* Mistoqsi jekk b'dak li ra b'għajnejh ħassx li kien hemm xi theddida fuq l-Ambaxxata Russa, PS430 Andrew St. John wieġeb *l-ewwel istanti li bdiet din il-biċċa xogħol, widdbitni mill-ewwel għajnejja u widnejja għaliex il-mod kif iswervjat din il-karozza u t-twerżiq tat-tyres li għamlet, kien eżatt ftit piedi l-isfel mill-bieb prinċipali ta' l-ambaxxata. … Jekk bniedem ipoġġiha f'dak il-mod, iva. Hemmhekk ovvjament skond is-sitwazzjoni, hemmhekk dejjem kienet*

*ambaxxata taħraq, irrelevanti illi bdiet il-gwerra u dawn l-affarijiet u li issa qiegħda iktar fil-limelight u hemmhekk dejjem ambaxxata taħraq kienet, kemm minħabba l-kobor tagħha, kemm minħabba l-attività li dejjem ikun hemm, kemm minħabba li hija esposta għal ħafna nies minħabba li hemm l-iskola eżatt ma' ġenbha u minħabba li hemm il-ħitan qegħdin kif qegħdin. Jiġifieri hemmhekk tkun qiegħed dejjem on edge illi any particular sound li jista' jinqala' jew xi ħaġa, trid tagħmel daqsxejn iktar attenzjoni ovvjament.*

**L-Ispettur Jean Paul Attard**[11], l-uffiċjal investigattiv f'dan il-każ, xehed illi fit-22 ta' Ottubru 2021 għall-ħabta tas-6:15p.m., irċieva telefonata minn Pulizija li nfurmah li waqt li kien qiegħed *fixed point* ma' l-Ambaxxata Russa, kien se jiġi mtajjar. L-Ispettur Attard xehed illi *l-Pulizija qal illi bażikament kien hemm karozza li għaddiet b'veloċità qawwija u kien hemm karozza oħra warajha qed issegwiha, dawn daru ma' Ġnien Ġużeppi Maria Camilleri li jinsab ġewwa l-Kappara, kienu ġejjin minn Triq Antonio min-naħa tax-xellug tas-sentry box, telgħu ma' Triq iċ-Ċifa, daru ma' Triq il-Fjamma, Triq il-Pittiross u reġgħu lura għal Triq Antonio Schembri. Ġara illi l-Pulizija allegatament ħareġ fin-nofs u l-allegat imputat baqa' għaddej allavolja l-Pulizija ipprova jwaqqfu. L-imputat kien qed isuq karozza ta' l-għamla Renault Megane bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBX-463 u l-karozza li kienet qed issegwih kienet Toyota Corolla silver grey bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KLY-183.*

L-Ispettur ottjena l-filmat minn CCTV camera ta' l-Ambaxxata Russa - Dok. "JPA6" a fol. 39 tal-proċess - u fir-rigward in kontro-eżami ddikjara *mill-footage li hemm, sfortunatament hemm tabella li tgħatti l-biċċa eżattament ta' fejn hemm is-sentry box jiġifieri s-sentry box u fejn għaddiet il-karozza quddiem is-sentry box, sfortunatament hija mgħottija bit-tabella. Jiena tlabt u hemm miktub ukoll fil-letter of request biex nieħu l-camera l-oħra ta' Triq iċ-Ċifa għax hemm camera iktar il-fuq, biss però ta' l-ambaxxata Russa qalli li ma jidher xejn għaliex qiegħda l-bogħod. Staqsejtu darbtejn biex jagħtihieli biex inkun nista' nbiddel l-angolu, iċċekkjajt mort jien personalment jiġifieri apparti li bgħatt xi Pulizija, mort Jien personalment biex nara jekk hemmx xi cameras oħra f'dawk l-akkwati biex inkun nista' nara x'ġara eżatt quddiem is-sentry box, iżda sfortunatament mhemmx camera waħda, hemm camera waħda viċin però ma tagħtix lejha.* Fuq talba għal kjarifika da parte tal-Qorti dwar jekk is-Surġent St. John allegax li kien se jintlaqat waqt li kien fis-*sentry box* jew inkella waqt li kien barra mis-*sentry box*, l-Ispettur Jean Paul Attard iddikjara *meta ħareġ Sinjura Maġistrat. Il-kliem tiegħu huwa illi ħareġ fin-nofs biex jipprova jwaqqfu u li kieku ma resaqx kien jispiċċa jiġi milqut.*

L-Ispettur Attard ħa stqarrija tax-xufier tal-vettura l-oħra, ossia tax-xufier tat-Toyota Corolla u dan qallu li *kienu għaddejjin minn taħt il-mina ta' Regional Road, kien qiegħed ġo l-inner lane u l-karozza li kienet qed tinstaq mill-imputat qasmet għal quddiemu mingħajr indikazzjoni allegatament mgħaġġla u dan inħasad, paqpaq il-horm, ħa brake qawwi u xi ħadd li kien fin-naħa tal-passiġġier ħareġ xi suba' tan-nofs u apparentement, allegatament, dan saq warajh. Bażikament waslu fil-biċċa fejn għdidt ta' l-ambaxxata Russa fejn ġara dan kollu.*

**Dr. Christopher Spiteri**[12], in rappreżentanza ta' Transport Malta, iddikjara li l-vettura bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBX-463 hija reġistrata f'isem Sharon Farrugia,

---

[11] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Novembru 2021, fol. 34 sa' 38 tal-proċess.
[12] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2022, fol. 59 tal-proċess.

detentriċi tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 15778. Ta' dan ta konferma permezz tad-dokument markat Dok. "CS" a dol. 60 sa' 62 tal-proċess. **Sharon Farrugia**[13], li tiġi omm l-imputat, xehdet illi hija għandha reġistrata f'isimha Renault Megane bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBX-463 u l-polza ta' l-assikurazzjoni tkopri bħala xufiera kemm lilha kif ukoll lil binha l-imputat. Stqarret illi dakinhar tat-22 ta' Ottubru 2021, hija ma kenitx qed tagħmel użu mill-vettura in kwistjoni u li ħadd ħlief l-imputat ma kien qed jagħmel użu minnha dak iż-żmien.

**Dr. Herman Mula**[14], Lecturer fl-Academy for Disciplined Services, xehed illi *bħala SOPs jew ċirkolarijiet, direttament, fuq dawn it-tip ta' sentry u għasses ma' ambaxxati, sfortunatament ikolli ngħid, ma jeżistux fil-Korp s'issa. Però hija prassi normali illi meta tkun għassa u tkun assenjat duty, issa jekk hux extra duty or whatever kif titħallas, … inti l-priorità tiegħek dejjem trid tkun is-sigurtà tal-post li qiegħed miegħu, indipendentement dak li qed jiġri fil-madwar, diment illi ma tkunx tista' tintervejni mingħajr ma titlaq minn taħt għajnejk is-sorveljanza tiegħek għas-sempliċi raġuni illi tista' tkun xi ħaġa li qed tipprova tiddevjalek l-attenzjoni ta' dak li qiegħed ghassa miegħu. Jiġifieri l-priorità hija l-post jew il-persuna ħa ngħid hekk għax dan jista' jkun hemm, fejn jidħol close protection, xogħol li għamiltu jien ukoll, ma' persuni u mhux ma' postijiet, il-priorità dejjem tkun dik, is-sigurtà u l-ħajja tal-persuna jew il-proprjetà li qed tissorvelja. … jiena fuq l-ambaxxata nista' nitkellem first hand għaliex għamilt l-għasses magħha meta kont għadni kuntistabbli, konna inkunu wieħed u għalkemm konna nkunu pjazzati, is-sentry kienet tkun pjazzata corner with, il-kantuniera biex niftehmu int u ġej min-naħa tal-Kappara, biex tipprova tikkoverja kullimkien, imma tant hija kbira u għandek żewġ entraturi, waħda jidħlu bil-vetturi u l-oħra bir-riġel, illi hija prattikament impossibbli illi tiġi covered minn Pulizija wieħed, persuna waħda. Allura li jkun Pulizija waħdu diga għandek diffikultà kbira.*

**Imputazzjonijiet:**

**L-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat -** bl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih, l-imputat qed jiġi mixli talli f'dawn il-Gżejjer fit-22 ta' Ottubru 2021, għall-ħabta ta' 17:20hrs, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, bil-ħsieb li jikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS430 Andrew St. John, permezz ta' arma rregolari, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volontà tiegħu u sar fuq il-persuna ta' uffiċjal pubbliku waqt il-qadi ta' dmirijietu.

L-imputat kjarament qed jiġi mixli bir-reat ta' tentattiv ta' offiża gravi volontarja fuq il-persuna, ossia fuq PS430 Andrew St. John, ai termini ta' l-Artikoli 41(1)(a) u 214 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fir-rigward ta' imputazzjoni ta' din in-natura, il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Sandro (Alexander) Chetcuti**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-18 ta' Settembru 2013, fejn ingħad: *jingħad qabel xejn illi sabiex jissussisti r-reat ta' l-offiża volontarja, hi meħtieġa l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. "Jekk l-intenzjoni ta' l-aġent tkun li jagħmel ħsara, żgħira kemm hija żgħira dik il-ħsara li jkollu f'moħħu li jagħmel, hu irid iwieġeb għall-konsegwenzi kollha li effettivament jirriżultaw bħala konsegwenza diretta ta' l-għemil tiegħu" (ara sentenza Il-Pulizija v.*

[13] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2022, fol. 63 u 64 tal-proċess.
[14] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2022, fol. 78 sa' 81 tal-proċess.

*Emanuel Zammit, deċiża Appell Kriminali 30/03/1998). Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif ġie sottolinjat huwa biżżejjed illi l-intenzjoni tkun waħda ġenerika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiża gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn jgħid: "the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible" (Notes on Criminal Law), iżda imbagħad iżid "Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo". Illi wkoll fis-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawża fl-ismijiet Ir-Repubblika v. Domenic Briffa, deċiża fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti ċċitat lill-awtur Francesco Anolisei fit-tul: "Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiża gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tiegħu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffrè (Milano) nona edizione, 1986) igħid f'paġna 79: "Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non è dubbio e per covincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non è consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non può sodisfare, non soltanto perchè trascura marcate differenze che esistono nella realtà, ma anche perchè assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignità, trattamento che contrasta nel modo più stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di ciò si è reso conto qualche scrittora, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilità del tentativo li lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure li lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravissima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tal accertamento il giudice non può pervenire, egli adempierà il suo compito, applicando - come è logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo". U kkonkludiet: "Din il-Qorti tara li dana l-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem ġiet aċċettata mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali tagħna, u cioè li jista' jkollok tentattiv ta' offiża gravi jew tentattiv ta' offiża gravissima, purchè jiġi pruvat li l-aġent kellu l-intenzjoni speċifika li jikkaġuna xi waħda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiża gravi jew l-offiża gravissima skond il-każ. Hekk, per eżempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna ssawwat mara tqila bl-intenzjoni speċifika li ġġiegħelha teħles qabel iż-żmien jew bl-intenzjoni speċifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-ħsieb tagħha (u salv l-elementi l-oħra kollha tat-tentattiv) huwa konċepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiża gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiża gravissima fit-tieni lok". Illi kif diġa ngħad fil-każ ta' offiża volontarja, l-intenzjoni ġenerika sabiex wieħed jagħmel ħsara hija biżżejjed, iżda fil-każ tat-tentattiv*

*tar-reat ta' l-offiża ġravi jew gravissima l-prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkużata kellha l-intenzjoni speċifika illi tikkaġuna ħsara gravi lill-vittma.*

Fil-każ in eżami PS430 Andrew St. John stqarr illi *hekk kif rajtu se jaqbad il-kantuniera* - ossia wara li l-vetturi kienu telgħu Triq iċ-Ċifa, għaddew minn Triq il-Fjamma u niżlu Triq il-Pittiross, kwindi l-kantuniera li qed jagħmel referenza għaliha fix-xhieda tiegħu s-Surġent St. John hija l-kantuniera ta' Triq il-Pittiross ma' Triq Antonio Schembri - *jiena ħriġt malajr mill-kabina meta l-karozza kienet għadha mhux quddiem is-sentry box tiegħi, dan innota illi seta' jarani ċar għax jien kont bl-uniformi ċara, lanqas ma kont bl-iskur, jiena kont bil-qmis u stajt nidher ċar illi jiena pulizija, tajjeb ngħid illi jien bit-tieqa miftuħa anke ma' l-ewwel darba li dan tilef il-kontroll għax ftit distanti minni kien, bdejt ngħajjat sabiex dan jieqaf però ma lħaqtx ħriġt għax dan mill-ewwel kien daħħal il-gear kif diga spjegajt. Hekk kif kont f'nofs tat-triq u dan għadu ma waslax ħdejja jiġifieri kien hemm daqsxejn distanza bejnietna, dan seta' jara ċar illi kont pulizija miljun fil-mija jiġifieri għax jien bl-uniformi ċara kont u la kelli xi ġakketta pajżana fuqi, litteralment bl-uniformi tal-pulizija kont qiegħed u bdejt ngħajjat u nagħmillu s-sinjal sabiex jieqaf. Dan litteralment injorani, saq eżatt għal fuqi fejn jien li kieku ma warrabtx, kieku kien jeħodli saqajja.*

Il-filmat esebit mill-Ispettur Jean Paul Attard markat Dok. "JPA6" a fol. 39 tal-proċess, ossia l-filmat mis-CCTV camera ta' l-Ambaxxata Russa fi Triq iċ-Ċifa, juri dak li ġara dakinhar tat-22 ta' Ottubru 2021 għall-ħabta tal-5:20p.m., fl-akkwati ta' l-imsemmija Ambaxxata.

Għalkemm hemm tabella li tostakola viżwali ċara tal-parti ta' quddiem is-*sentry box*, jidher evidenti però li meta s-Surġent St. John ħareġ fin-nofs, fi Triq Antonio Schembri, biex jipprova jwaqqaf lill-imputat, l-istess imputat ma kienx distanti mill-imsemmija *sentry box*. In effetti fil-mument li s-Surġent St. John ħareġ fin-nofs biex jipprova jwaqqaf lill-imputat, l-istess imputat, li kien qed isuq b'veloċità piuttost elevata, kien gia jinsab viċin ħafna tiegħu u minħabba f'hekk, kieku s-Surġent St. John mill-ewwel ma resaqx min-nfos, ftit li xejn għandu jkun hemm dubju li l-imputat kien itajru. Iżda, il-Qorti hija fermament konvinta li dan kien ikun inċident kawżat minħabba l-mod xejn prudenti u għal kollox traskurat li l-imputat kien qed isuq dak il-ħin u mhux għaliex l-istess imputat volontarjament u bi ħsieb speċifiku li jweġġa lis-Surġent, saq għal fuqu.

B'hekk filwaqt li ma hemmx dubju li l-imputat seta' kkawża inċident gravi minħabba l-mod kif kien qed isuq b'veloċità piuttost elevata, speċjalment għall-akkwati fejn kien, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli li l-imputat kellu l-intenzjoni speċifika li jikkaġuna ħsara gravi lil PS430 Andrew St. John.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**It-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat** - bit-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' xi ħadd inkarigat skond il-Liġi minn servizz pubbliku u cioè fuq PS430 Andrew St. John waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien qiegħed jagħmel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz; u talli attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata

skond il-Liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Huwa evidenti li l-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' inġurji jew theddid kontra uffiċjali pubbliċi oħra jew offiżi fuq il-persuna tagħhom ai termini ta' l-Artikolu 95 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u bir-reat ta' attakk jew reżistenza ai termini ta' l-Artikolu 96 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' l-elementi li jikkostitwixxu dawn iż-żewġ reati ssir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmelo Bugeja**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 ta' Jannar 2014, fejn ġie osservat illi: *l-artikolu 95 tal-Kapitolu 9 jitkellem dwar l-inġurja jew theddid fil-konfront ta' l-uffiċjal pubbliku. Illi għalhekk l-elementi materjali ta' dana r-reat huwa l-inġurja jew it-theddid. Dawn jistgħu jieħdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, ġesti jew tpinġija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-ġieħ u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti. Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-uffiċjal pubbliku u l-inġurja jew it-theddid trid issir jew: (1) filwaqt illi jkun qed jagħmel servizz pubbliku; (2) jew inkella minħabba li jkun għamel dana s-servizz pubbliku; (3) jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz. Illi l-artikolu 96, imbagħad għalkemm ukoll għandu bħala vittma, l-uffiċjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali għal kostituzzjoni ta' dana r-reat: 1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew reżistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni mogħtija minn xi awtorità għalhekk mhux suffiċjenti għal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jgħid: "It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith. Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussisti biss ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 95 biss. In oltre l-attakk jew reżistenza trid tkun neċessarjament akkompanjata bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb. Għalhekk insulti jew theddid qatt ma jistgħu jwasslu għal ħtija taħt dina d-disposizzjoni tal-Liġi. 2. Fit-tieni lok ir-reat irid jiġi kommess fil-konfront ta' uffiċjal pubbliku jew kif tgħid testwalment il-liġi "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku". 3. Fl-aħħarnett huwa neċessarju illi l-attakk jew reżistenza kontra l-uffiċjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa jkun qiegħed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi minn awtorità kompetenti. Il-Mamo jkompli jgħid: "Therefore any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime". Il-Qrati tagħna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iż-żewġ reati. F'sentenza Il-Pulizija v. Joseph Zahra deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002, ġie deċiż: Dana l-artikolu (b'referenza għall-artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku (l-istess bħalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), iżda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed taġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' xi ordni mogħti skond il-liġi minn xi awtorità kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik użata fl-Artikolu 95(1) - "waqt li jkun jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.*

Meta l-fattispecie tal-każ in eżami jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati għandu jirriżulta b'mod ċar u evidenti li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova,

wisq inqas lil hinn minn kull dubju raġonevoli, il-ħtija ta' l-imputat għat-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu. Huwa minnu li l-imputat kien għaddej mill-akkwati in kwistjoni, li huma akkwati residenzjali, b'veloċità piuttost elevata, huwa minnu wkoll li l-imputat naqas milli jieqaf meta ġie ripetutament ordnat jagħmel hekk minn PS430 Andrew St. John, iżda huwa fl-ebda ħin ma inġurja jew hedded lill-imsemmi Surġent u lanqas ma kien hemm xi forma ta' attakk jew reżistenza akkompanjati bl-użu tal-forza, vjolenza jew bil-ħebb fil-konfront ta' l-istess Surġent.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk huwa evidenti li mill-provi prodotti ma jissussistux l-elementi rikjesti għar-reati kontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu.

**Ir-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat -** bir-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura bil-mutur ta' l-għamla Renault Megane bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBX-463 b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż; u li fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur b'veloċità eċċessiva.

Hawn l-imputat qed jiġi mixli bir-reat previst fl-Artikolu 15(1)(a) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta u bil-vjolazzjoni tar-Regolament 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11.

Fir-rigward tas-sewqan b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni jew b'mod perikoluż, il-Qorti tagħmel referenza għal dak osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Michael Grech**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 2007, fejn ingħad: *kif ġie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Alfred Mifsud deċiż fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet: Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalità tas-sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt ... bħala sewqan bi traskuraġni kbira. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu miħabba l-probabbilità ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. Sewqan perikoluż (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjetà tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalità ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. ... U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Mario Gellel deċiż fid-19 ta' Frar 2004: "... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont, jew (iii) perikoluż hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. v. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. v. Wilson [Vol. XXXIX.iv.1018] u Pul. v. Alfred Vella [Vol. XLIV, p.933] u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjetà tagħhom (App. Krim. Pul. v. Hardingham, 19.10.1963). Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul v. Charles Farrugia [Vol. XXXIX.iv.978]). "Recklessness" ġiet definita bħala "wilfully shutting one's eye" (App. Krim. Pul. v. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece*

*sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul v. Antonio Spiteri [Vol. XLIV.iv.892]).*

Mill-provi prodotti u b'mod partikolari mill-filmat esebit mill-Ispettur Jean Paul Attard bħala Dok. "JPA6" a fol. 39 tal-proċess, jirriżulta b'mod ċar ħafna, anzi lil hinn minn kull dubju raġonevoli, li l-imputat kien għaddej bil-vettura ta' l-għamla Renault Megane bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBX-463 - u li l-imputat kien qed isuq dik il-vettura dakinhar jirriżulta kemm mix-xhieda ta' ommu stess Sharon Farrugia u mill-istqarrija minnu rilaxxata lill-Pulizija - minn toroq residenzjali ġewwa l-Kappara b'veloċità eċċessiva. Jirriżulta għalhekk li l-imputat kien qed isuq in vjolazzjoni tar-Regolament 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 u minħabba l-mod kif kien qed isuq, ossia b'veloċità eċċessiva, huwa seta' weġġa serjament lil PS430 Andrew St. John meta dan ħareġ fin-nofs biex jipprova jwaqqfu. In effetti l-inċident, u hawn il-Qorti tinsisti li seta' nħoloq inċident u mhux att volontarju, ġie evitat għaliex l-imsemmi Surġent resaq min-nfos. Minn dan kollu jirriżulta għalhekk li l-imputat kien qed isuq il-vettura ta' l-għamla Renault Megane bin-Numru ta' Reġistrazzjoni DBX-463 b'nuqqas ta' kont u bi traskuraġni.

Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-imputat seta' kien qed jiġi insegwit mill-vettura ta' l-għamla Toyota Corolla bin-Numru ta' Reġistrazzjoni KLY-183, ma jnaqqas xejn mir-responsabilità tiegħu għal mod kif għażel li jsuq f'post abitat u residenzjali, iktar u iktar meta hekk kif ra lis-Surġent St. John, u b'hekk membru tal-Korp tal-Pulizija, seta' faċilment waqaf u talab l-assistenza tiegħu flok baqa' jsuq bla kont u b'mod traskurat u addirittura spiċċa ħarab minn fuq il-post.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk jirriżulta li l-imputat għandu jinstab ħati tar-raba' u l-ħames imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu.

**Is-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat -** bis-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu l-imputat qed jiġi mixli talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. L-imputat qed jiġi mixli bil-kontravvenzjoni prevista fl-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Hawn il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Nicholas Obaseki**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Ġunju 2020, fejn saret referenza għas-segwenti deċiżjonijiet: *Il-Pulizija versus Maria Concetta Green*[15] fejn il-Qorti osservat: *L-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejja' ħbreach of the peace . L-elementi ta dan ir-reat ġew eżaminati funditus f diversi sentenzi u ġie ritenut li, bħala regola, ikun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm għemil volontarju li minnu nnifsu jew minħabba ċ-ċirkostanzi li fihom dak l-għemil iseħħ inissel imqar minimu ta nkwiet jew tħassib f moħħ persuna (li ma tkunx l-akkużat jew l-imputat) dwar l-inkolumità ta persuna jew dwar l-inkolumità ta proprjetà, kemm b riżultat dirett ta dak l-għemil jew minhabba l-possibilità ta reazzjoni għal dak l-għemil. L-iskambju ta kliem, anke jekk inġurjuż jew minaċċjuż fih innifsu u mingħajr ma jkun hemm xejn aktar x jindika li dak l-argument jista jiżviluppa fih, jew iwassal għal, xi ħaġa oħra u aktar serja (bħal ġlied bl-idejn jew ħsara fil-propjetà) ma jammontax għall-breach of the peace fis-sens tal-*

[15] Decided by the Court of Criminal Appeal on the 19th November 1999, Deċiżjonijiet tal-Qrati Superjuri, Vol. LXXXIII.iv.441.

*artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali. … Il-Pulizija vs. Noel Tanti*[16] fejn ingħad*: … Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" [23.6.1994] imbagħad ġie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta dan ir-reat mal-kunċett Ingliz ta breach of the peace" tirrisali għal żmien Sir Adriano Dingli li proprju f kawża deċiża minnu fl-10 ta Gunju, 1890 , fl-ismijiet: Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." kien qal hekk :- Che il buon ordine e la tranquillità pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all autorità pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, è violazione dell ordine pubblico, independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475). Fl-istess sentenza ta Paul Busuttil ġew ċitati b approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, fil-ktieb taghhom Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992), jgħidu:- The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) u dik il-Qorti żiedet tgħid li:- Naturalment huwa kważi impossibbli li wieħed jiddeċiedi aprioristikament x jammonta jew x ma jammontax f kull każ għar-reat ta ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jgħid awtur ieħor Skoċċiż, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tiegħu The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978): Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para.41- 01). U aktar l quddiem l-istess awtur jgħid :- "…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04).*

Fil-fehma tal-Qorti meta l-fattispecie tal-każ in eżami jiġu kkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi appena ċitati għandu jirriżulta li l-elementi rikjesti għas-sussistenza ta' dan ir-reat partikolari ma jirriżultawx. Konsegwentement għalhekk l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Is-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat -** bis-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu, l-imputat qed jiġi mixli talli ma obdiex ordnijiet leġittimi ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku u ma ħalliehx u fixxklu waqt li qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu. Hawn l-imputat qed jiġi mixli bil-kontravvenzjoni prevista fl-Artikolu 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti ma għandu jkun hemm assolutament l-ebda dubju li l-imputat ma obdiex l-ordnijiet ripetuti ta' PS430 Andrew St. John sabiex jieqaf. In effetti flok ma waqaf kif ġie ordnat jagħmel mis-Surġent St. John, l-imputat baqa' għaddej b'sewqan bla kont u traskurat daqs li kieku ma kellmu ħadd. Huwa evidenti għalhekk illi l-imputat għandu jinstab ħati tas-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

[16] Decided by the Court of Criminal Appeal on the 5th May 2005.

Għal kull buon fini l-Qorti tosserva li ai termini ta' l-Artikolu 346(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, *huwa dmir tal-Pulizija li żżomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma tħallix isiru reati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tiġbor il-provi, sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun għamlet dak ir-reat, u li ġġib il-ħatjin, kemm l-awturi kemm il-kompliċi, quddiem l-awtorità ġudizzjarja.* Id-dmirijiet ġenerali tal-Pulizija huma ben ċari u l-Qorti tqis li dawn għandhom dejjem jiġu minnhom imwettqa, anke jekk, bħal fil-każ in eżami, Pulizija partikolari jkun *fixed point* ma' Ambaxxata.

Il-Qorti tifhem li Pulizija assenjat *fixed point* ma' Ambaxxata għandu joqgħod ferm attent li dak li jkun qed jiġri ma jkunx xi messa in xena biex jiġi aljenat mis-sorveljanza ta' l-Ambaxxata, iżda b'daqshekk ma jfissirx li jekk jara reat li qed jitwettaq quddiemu ma jintervjenix. Kieku kellu jkun hekk, huwa jkun qed jonqos mid-doveri tiegħu ai termini tal-Liġi. B'hekk is-Surġent St. John kellu d-dmir li jwaqqaf lill-imputat, li kif ingħad kien qed isuq b'mod traskurat u bla kont, u b'hekk kellu kull dritt jordnalu li jieqaf, ordni dan li ġie għalkollox injorat mill-imputat, li invece telaq minn fuq il-post.

Għal dawn ir-raġunijiet l-imputat għandu jinstab ħati tas-seba' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

**Piena:**

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta.

**Decide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, filwaqt li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u s-sitt imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(d) u 338(ee) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 15(1)(a), 55(1), inkluż il-*proviso ta' l-istess,* u t-Tieni Skeda tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 127 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11, qed issib lill-imputat ħati tar-raba', il-ħames u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-multa ta' sitt mitt Euro (€600).

Ai termini ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kap.65 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiskwalifika lill-imputat milli jkollu liċenza tas-sewqan għal żmien tlett (3) xhur mid-data ta' din is-sentenza.

Fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Qorti tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni bażata fuq l-Artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**